MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Numru. 1016/2005

**Il-Pulizija**

**(Spt Frankie Sammut)**

**vs**

**Paul Polidano**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Paul Polidano**, 40 sena bin Joseph u Carmen nee' Zammit, mwieled Pieta' fit-30 t'April 1965, residenti 'Paul Jacq', Triq il-Fenici, Safi, detentur tal-karta tal-identita' nru. 232165M;

Akkuzat talli fit-2 ta' Gunju 2003 ghal habta tas-1.00pm gewwa bini sitwat fi Triq Mariano Gerada, Bormla' b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkagunajt feriti ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' Joseph Debono hekk kif iccertifika Dr. Zammit MD, mill-Casualty Dept. ta' l-isptar San Luqa u dan bi ksur ta' l-artikolu 226(a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li thaddem inqast milli dejjem tizgura is-sahha u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qed isir ghal dawk il-persuni li jhaddmu ai termini ta' l-artikolu 6(1) ta' l-Att XXVII tas-sena 2000.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi inqast mid-dmir tieghek bhala persuna li thaddem milli tizgura s-sahha u s-sigurta' tal-haddiema f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol, kif ukoll talli nqast milli taghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li tikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u daqs tal-impriza, kif ukoll tali ma hadtx il-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol, u dan bl-ghan li ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta' l-artikolu 4(1)(2)(3) ta' l-A.L. 36 ta' l-2003.

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja fit-termini tal-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex tkun adoperata procedura sommarja fis-smiegh tal-kawza kontra tieghu kif registrat fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2007;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fit-2 ta' Gunju 2003, waqt illi kien qed isir xoghol ta' demolizzjoni fuq binja gewwa Bormla, certu Joseph Debono waqa' minn fuq is-saqaf tat-tielet sular tal-istess binja u korra gravement. Dwar l-incident kienet infurmata l-Magistrat tal-Ghassa li bis-sahha ta' diversi esperti rredigiet *proces verbal* li huwa esebit in atti. L-istess Magistrat Inkwirenti kienet kkonkludiet illi taqbel mal-konkluzzjonijiet ta' Dr. Mario Scerri u l-Perit Richard Aquilina u li stante li ma kien hemm ebda persuna/persuni ndizzjati, ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikompli bl-investigazzjonijiet dwar il-kaz;

Illi mill-assjem tal-provi jemergi illi Joseph Debono kien qieghed fuq is-saqaf ta' din il-binja flimkien mal-foreman tieghu certu Vincent Barun. Debono kien qieghed iwaqqa' l-opra morta tal-bejt bhala preparament sabiex tinbeda d-demolizzjoni tas-soqfa u tal-intier tal-binja li fil-livelli ta' fuq kellha ssir bl-idejn minghajr l-uzu ta' ingenji kbar sakemm ix-xoghol jasal fil-livell aktar baxx. Il-knaten tal-opramorta kienu qed jintefghu minn fuq il-bejt ghall-isfel gewwa kamra li kienet bla saqaf u li kienet tinsab fil-parti gewwiena tal-binja. Gara illi waqt li kien qed jitfa' wiehed mill-knaten Debono waqa' minn dak il-livell u sofra l-griehi gravi u permanenti izda b'xorti tajba dan kien eventwalment licenzjat u sahansitra telgha jiddeponi quddiem din il-Qorti. Joseph Debono fil-fatt xehed illi fil-mument tal-incident kien qieghed jaqla' kantun mill-opramorta li kellu granpun mieghu li ma ndunax bih. Malli tefgha l-kantun ghal isfel, l-flokk tieghu inqabad mal-granpun u l-kantun gibdu ghal-isfel. Kawza ta' hekk huwa kiser ghonqu, s-sinsla ta' dahru, idejh u saqajh izda kien debitament risarcit ghad-danni minghand Polidano Bros. Debono qal li huwa kien bniedem tas-sengha fix-xoghol ta' demolizzjoni u hadd ma kellu ghalfejn jghidlu

x’ghandu jaghmel minkejja li l-imputat kien jigi ta’ spiss fuq ix-xoghol. Tajjeb li jkun senjalat ukoll illi dan ix-xhud jenfasizza illi kellu l-ilbies protettiv mehtieg izda ma kellux irbit ghaliex dak ma kienx lok fejn wiehed jintrabat biex isir dak ix-xoghol;

Dan l-ahhar punt kien ukoll wiehed deciziv fil-konkluzzjonijiet tal-perit arkitett espert nominat mill-Magistrat Inkwierenti fl-inkjesta sussegwenti l-incident. L-istess perit arkitett kien ippuntwalizza illi “fix-xoghol li kien qieghed jaghmel, ma setghax juza “Safety Harness”. Issa l-aktar xhud importanti tal-prosekuzzjoni kien is-Sur David Saliba li jahdem mad-Dipartiment tax-Xoghol u Tahrig li spjega izda illi dakinhar ma kienx hekk adett u li l-incident kien investigat minn certu Louis Coleiro li kien hejja rapport u kien esebit in atti mill-istess David Saliba. Louis Coleiro izda qatt ma tressaq mill-prosekuzzjoni sabiex jikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament kif trid il-ligi. Minn dan ir-rapport jemergi illi sia Joseph Debono kif ukoll Vincent Barun kienu mpjegati ta’ Polidano Bros Ltd u hawnhekk ghandu jkun senjalat illi l-proceduri odjerni saru kontra Paul Polidano fil-vesti tieghu personali. Kien jehtieg ghalhekk fl-ewwel lok ikun pruvat mill-prosekuzzjoni illi Debono kien impjegat tal-imputat ghaliex fil-mori tal-kawza irrizulta mod iehor. Kien jehtieg ikun pruvat illi l-imputat ihaddem lil Debono u din mhix haga li tista’ tkun prezunta. Huwa minnu illi l-ligi li l-imputat huwa akkuzat li kiser, igifieri l-provvedimenti tal-Kap 424 u l-Avvizi Legali minnu emergenti, tohloq certu prezunzjonijiet kontra min ihaddem f’incidenti bhal dak in dizamina. Prezunzjonijiet dawn li jehtiegu prova kontrarja mill-imputat kif tajjeb senjalat mill-prosekuzzjoni fis-sottomisjonijiet finali fl-gheluq ta’ din il-kawza sostnuti bis-sentenzi minnha citati u esebiti. Minkejja dan, il-fatt illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi ma johloq l-ebda presunzjoni illi l-vittma, jew korrut f’dan il-kaz, kien impjegat mill-imputat. Dan huwa fattur li jehtieg il-prova debita aktar u aktar meta c-cirkostanzi tal-kaz juru illi l-korrut kien impjegat tas-socjeta’ Polidano Brothers Ltd aktar u aktar meta l-imputat huwa akkuzat “bhala persuna li jhaddem”;

Tajjeb ukoll jittiehed kont tax-xhieda tal-imputat li quddiem din il-Qorti ddikjara illi x-xoghol kien ghadu fi stadju inizjali tieghu tant li anqas biss kien hemm makkinarju

fuq il-post. Huwa kien ta struzzjonijiet sabiex titbaxxa l-opra morta li kienet gholja sitt filati u mhux biex din titwaqqa' kollha imma biex titbaxxa sa tlett filati. Debono ma kienx marbut ghaliex is-soqfa ma kienx ghadhom bdew jitwaqqghu. L-istess imputat jikkonferma illi kien sar *risk assessment* b'diskussjonijiet mal-perit tal-Gvern li ghalih kien qed isir dan ix-xoghol. Akkluz in atti ukoll hemm *management plan* li turi kif is-socjeta' Polidano Bros Ltd kienet fi hsiebha tamministra l-andament tax-xoghol. Issa fis-sottomissjonijiet taghha, l-prosekuzzjoni tinsisti illi kellu jsir *risk assessment* skond il-ligi meta jkun hemm aktar minn hames haddiem fuq il-lant tax-xoghol. Anke hawn, l-ligi ma tohloq l-ebda presunzjoni kontra min ihaddem u ghalhekk jehtieg li jkun pruvati illi fuq il-lant tax-xoghol kien hemm fil-fatt hames haddiem jew aktar;

Maghmulha dawn il-kostatazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma illi m'ghandhiex tinstab htija kontra l-imputat ghall-akkuzi lilu addebitati. Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minn kull akkuza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------